MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1448/1997/1

**Jane Carbonara f' isimha *proprio* u bhala prokuratrici ta' zewgha Salvatore Carbonara**

**Vs**

**Mark Julian Ryan u Sandra Ryan**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Gunju 1997 li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-5 ta' Gunju 1997 l-attrici Jane Carbonara fuq stedina tal-konvenut Mark Julian Ryan permezz tat-telefon marret ghandu fil-fond 160 Archbishop Street, Valletta biex tigbor l-ahhar zewg pagamenti b' kollox

Lm80.00 li kienu dovuti wara bejgh ta’ cens skond kuntratt ta’ l-4 ta’ Lulju 1996 il-hin kien xi 3:30 p. m.;

Premess illi meta marret flok taha l-flus il-konvenut ta xebgha lill-attrici u sahansitra taha daqqiet ta’ sieq fuq wiccha u kkawzalha feriti ta’ natura gravi u disabilita` permanenti kif anke jirrizulta mid-dokumenti annessi ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkati bhala dokumenti A, B u C u ritratti Dok. D;

Premess illi frott ta’ din ix-xebgha li l-attrici qalghet minghand il-konvenut l-attrici kellha sahansitra ssiefer biex iddewwi lilha nnifisha fi sptar fl-Ingilterra u sofriet danni gravi;

Premess illi l-attrici ghamlet rapport l-ghassa dwar dan il-kaz;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni necessarja u prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut Mark Julian Ryan fil-5 ta’ Gunju 1997 ikkawza danni lill-attrici Jane Carbonara meta taha xebgha u attakkaha vjolentement;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u naxxenti mix-xebgha li l-konvenut Mark Julian Ryan ta lill-attrici Jane Carbonara;

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* ihallsu lill-attrici dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra bonarja tad-9 ta’ Gunju 1997;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine*, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fid-29 ta' Lulju 1998 li permezz taghha huma eccepew:

Illi qabel xejn essendo li hawn si tratta ta' azzjoni *ex delicti*, Sandra Ryan mhix il-legittima kontradittrici f' din l-istanza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, ghandu jinghad li l-incident in kwistjoni kien frott ta' provokazzjoni cara u ghalhekk m' ghandux jirrispondi civilment ghad-danni tal-konvenut;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tal-21 ta' Ottubru 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku Dr. Mario Tabone biex ifittex u jirrelata dwar il-partijiet medici tad-domandi attrici u wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x' jaqsmu mal-kaz; liema digriet gie varjat *contrario imperio* skond il-verbal tal-11 ta' Frar 2003 b' mod li Dr. Mario Tabone kellu jipprezenta rapport limitatament ghall-kwistjoni jekk kienx hemm dizabilita` permanenti u, jekk iva, fl-liema percentwal;

Rat id-digriet tas-27 ta' April 2001 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-provi u l-kontro-ezamijiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert mediku li tinsab a fol. 147 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2003;

Rat l-Affividavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xiehda moghtija;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet intavolati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-kaz prezenti fejn l-attrici qed titlob ir-rizarciment tad-danni hu l-konsegwenza ta’ delitt veru u proprju allegatament kommess mill-konvenut di fronte ghall-istess attrici u fejn din irriportat lezjonijiet personali ta’ natura gravi;

Il-versjoni ta’ l-attrici esposta fl-Affidavit taghha (fol. 44) ta’ dak li ssuccieda u tal-griehi riportati minnha qed tigi hawn rijassunta:

I. Fil-jum tal-5 ta’ Gunju 1997, fuq invit ta’ l-istess konvenut, hi accediet fil-fond ta’ dan biex tigbor minghandu l-hlas bilancjali tal-prezz tal-bejgh ta’ l-utile dominju tal-fond okkupat mill-konvenut. (Kopja tal-kuntratt relattiv esebita a fol. 15);

II. Waqt li kienet ghandu hi sfat brutalment aggredita mill-konvenut, li habbtilha rasha mal-hajt, qabadha minn xaghra u battiha fl-art fejn beda jkaxkarha u jaghtiha bis-sieq fuq partijiet ta’ gisimha. Hi rnexxielha tizgiccalu u bdiet tghajjat ghall-ghajjut. Semghatha bintha li kienet akkompanjatha izda baqghet isfel fil-vicinanzi tal-blokk, u din telghet ha tara x’ gara. Semghet lit-tifla ssabbat mal-bieb u twerzaq u meta ddahhlet gewwa l-konvenut qabad sikkini ghalihom. Meta hargu l-barra mill-bieb ta’ l-appartament il-konvenut rega’ hareg warajha u beda jsawwatha fuq daharha;

III. Fuq din l-ahhar parti ta’ l-incident l-attrici hi sorretta mix-xhieda ta’ bintha Carina li, fl-Affidavit taghha (fol. 41) stqarret li semghet lil ommha tghajjat ghall-

ghajnuna, telghet fuq, bdiet thabbat mal-bieb, u meta dahlet gewwa sabet lil ommha mixhuta ma’ l-art izzomm rasha u tokrob bl-ugiegh. Tenniet ukoll li l-konvenut qabad sikkina ghalihom, heddidhom biha u meta hargu barra mill-appartament il-konvenut rega’ ta daqqa fuq dahar ommha;

Minn naha tieghu l-konvenut jittrincera ruhu bl-eccezzjoni li l-incident kien ipprovokat mill-attrici;

Fil-versjoni tieghu rakkontata minnu fl-Affidavit tieghu a fol. 73 huwa jsostni illi kienet l-attrici li bdiet tgholli lehinha, toffendihom u pprovat wkoll tati s-salt ghal martu li kienet gravida. Hu ndahal fin-nofs izda l-attrici bdiet taghmel il-forza sakemm hu rnexxielu jirrizistiha u jinbuttaha l-barra. Huwa jikkontendi li la semaghha tghajjat ghall-ghajjut u lanqas osservalha feriti. F’ dan hu korroborat minn martu li kkontendiet li kienet l-attrici li bdiet tissara u tkisser. Hi zmentiet ukoll li zewgha kien sawwat lill-attrici tant li, orkestralment bhalu, irriteniet li la semghatha titlob l-ghajnuna u lanqas ratilha griehi. Fi kliemha stess zewgha “sempliciment hadha l-barra mid-dar u ghalaq il-bieb warajha”;

Konfrontati dawn iz-zewg versjonijiet din il-Qorti ma ghandha l-ebda esitazzjoni tikkonkludi illi dik tal-konvenut u ta’ martu ma hija xejn attendibbli. Il-fatti, ghal kuntrarju, jaghtu risalt lic-cirkustanzi kif inkwadrati mill-attrici. Fir-rigward il-Qorti tadduci s-segwenti osservazzjonijiet:

(1) Gie accertat illi d-dbengil, l-abrazjonijiet u l-ferita konsistenti fi frattura tal-qiegh ta’ l-orbita tal-ghajn tax-xellug ta’ l-attrici, u li dwarha kien mehtieg intervent kirurgiku barra minn Malta, kienu r-rizultat ta’ perkossi u daqqiet ta’ sieq subiti mill-istess attrici. Ara rapport mediku ex-parte ta’ Dr. Mario Scerri (fol. 4 u fol. 19) u d-deposizzjoni tieghu a fol. 80, sostenuti mic-certifikat tat-Tabib C. Agius (fol. 136) u r-relazzjoni peritali ta’ Dr. Mario Tabone (fol. 148);

(2) Giet stabbilita wkoll *in criminalibus* ir-responsabilita` penali tal-konvenut. Dan kif evidenzjat fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Jannar 1998 (kopja esebita a fol. 123) dwar liema l-istess konvenut issokkomba;

Issa hu minnu illi l-konvenut b' verbal ta' l-4 ta' Gunju 2002 quddiem l-Assistent Gudizzjarju (fol. 122) kien oppona ghall-esebizzjoni tal-precitata sentenza, imma, kif drabi ohra ritenut, din l-opposizzjoni "*non era fondata in diritto posto che in dottrina seguita, al dire del Laurent, dalla giurisprudenza si ritiene che il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penale*" (**Vol. XXV P I p 689**);

Issokta jigi rilevat mill-gharef Imhallef Dr. Alberto Magri f' zewg sentenzi tieghu fuq dan l-istess punt illi "ma jidherx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-ezibizzjoni f' kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti; jekk imbaghad id-dokument ezebit, minhabba l-indipendenza ta' l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, jistghax jaghmel prova jew le, din hi kwestjoni ohra." (**Vol. XLII P II p 868; Vol. XXXIX P II p 768**);

Mhux il-kaz li tigi nvestita ulterjorment din il-kwestjoni gjaladarba f' dan il-gudizzju l-provi dwar l-allegat delitt saru *ex novo*;

Kif gja aktar il-fuq inghad il-konvenut jissolleva l-eccezzjoni tal-provokazzjoni. Pero` imbaghad, ghallanqas minn dak rakkontat mill-konvenut innifsu u minn martu, din l-istess eccezzjoni tidher superfluwa gjaladarba l-istess provokazzjoni, fil-versjoni taghhom, ma gabet l-ebda rizultament illegali da parti tal-konvenut. Dan ghaliex, dejjem skond huma, il-konvenut ma sawwatx lill-attrici u din ma sostniet l-ebda feriti;

Anke kieku kellha pero` din il-Qorti takkorda attenzjoni lil simili eccezzjoni, l-istess ma tistax isservi biex teskolpa lill-konvenut jew biex titqies bhala xi attenwanti;

Gja gie osservat minn ezami tal-provi illi l-attrici ssubiet griehi waqt li kienet fl-appartament tal-konvenut. Huwa verosimili hafna wkoll illi l-konvenut dakinhar wera rizentiment lejha ghax kien debitur taghha u kien ostilment inklinat. Certament ukoll illi l-konvenut, li kien baqa' lura fil-hlas ta' dak minnu dovut, kellu atteggjament aggressiv u dak li sehh jizvela proprju l-aggressjoni ingustifikata tieghu. Jista' jkun ukoll illi l-attrici kienet qed tiffittah b' insistenza ghall-pagament;

F' cirkostanzi bhal dawn, kif pacifikament akkolt, "lanqas jista' l-konvenut jinvoka, b' menomazzjoni tad-danni, il-provokazzjoni, jew forsi aktar ezattament, il-*calor rixae*. Hu, difatti, principju indubitat ta' dritt penali, li ma hijiex affattu ammessa bhala attenwanti tar-responsabilita` dik li bi frazi skultorja ssejhet "*provocation provoked by the prisoner*" (ara Harris & Wilshere, Criminal Law, p 201) u hu wkoll pacifikament ricevut li ma jistax jikkampa ebda diminwenti ta' responsabilita dak li l-fatti juru li kien qieghed jagixxi minhabba dik li tissejjah "*an old grudge*" (*ibidem* p 202), kif kien dan il-kaz, fejn il-konvenut kien dejjem ihabbat fuq din il-kwistjoni tal-kera ta' ftit xelini. Del resto, hu anki principju iehor li r-reazzjoni, biex tigi ammessa l-iskuzanti tal-provokazzjoni, jehtieg li tkun proporzjonata" - "**Francesco Gauci -vs- Salvatore Gauci**", Appell Civili, 30 ta' Novembru 1956 riportata a **Vol. XL P I p 376**. Ara wkoll "**Il-Pulizija -vs- Philip Muscat**", Appell Kriminali, 12 ta' Marzu 1960;

Thares minn fejn thares lejh il-kwadru kollu tal-kaz isostni l-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni reklamati mill-attrici;

Fir-rigward tal-konvenuta gie eccepit illi din ma kinitx il-legittima kontradittrici. Dan huwa veru anke jekk din il-Qorti ma tahbix l-osservazzjoni illi din, mill-kumpless tal-

fatti, setghet ukoll titqies "komplici" ta' zewgha. Dan "*civiliter*", in kwantu kif risaput "*la complicita civile e` piu` estesa dalla penale ed abbraccia qualunque co-operazione al danneggiamento siavi stato o no concerto precedente*" ("**Carmelo Xuereb *et* -vs- Giovanni Micallef *et***", Appell Civili, 26 ta' Novembru 1923). F' dan il-kaz pero`, tenut l-istat gravida taghha f' dak il-mument, il-Qorti tista' tikkoncedilha l-beneficcju tad-dubju u ma ssibhiex fi htija ghall-atteggjament ostili ta' zewgha. B' hekk ser tahseb biex tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Dan ukoll wara li qieset l-Artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili;

Provata l-kwestjoni tar-responsabilita` jifdal x' tigi konsiderata l-likwidazzjoni tad-danni;

Ghal dawk li huma danni emergenti mill-incident l-attrici telenkahom permezz ta' prospett (fol. 135). Danni konsistenti fi spejjez ta' tobba, titjiriet ghall-iskop ta' intervent kirurgiku fl-Ingilterra, u allogg f' lukanda. Il-konvenut ma kkontestax dawn l-irjus tad-danni u kollox ma' kollox dawn jidhru ragjonevoli. Ghalhekk il-Qorti ser taccetta l-ammont ta' sitt mija wiehed u erbghin lira u sittin centezmu (Lm641.60,0) li l-attrici taskrivi ghalihom;

Kwantu ghal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* jirrizulta illi l-attrici, mara tad-dar, fil-mument ta' l-akkadut kellha 36 sena. L-espert mediku ikkalkola illi b' rizultat tal-griehi subiti l-attrici ghandha dizabilita` permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Il-Qorti jkollha toqghod fuq din ir-rizultanza peritali u anzi tkun pruzuntuza kieku kellha taghmel mod iehor. Dan aktar u aktar meta l-konvenuti rrinunzjaw ghall-hatra ta' periti medici addizzjonali u b' hekk ukoll tonqos il-prova kuntrarja li kapaci tinnewtralizza jew tiddiminuixxi l-valur probatorju tar-rapport ta' l-espert mediku nominat minnha;

Il-Qorti taqbel ma' l-attrici illi ghandha tikkalkola l-komputazzjoni taghha bl-adozzjoni tal-paga minima ta' hamsin lira (Lm50) fil-gimgha, izda ma taqbelx maghha fejn adottat *multiplier* ta' sebgha u ghoxrin (27) sena

"*years purchase*". Il-Qorti jidhrilha li tenut rigward tac-"*chances and changes of life*", *multiplier* ta' tnejn u ghoxrin (22) sena ghandu jitqies aktar ragjonevoli;

Ghaldaqstant ghab-bazi tal-formula solitament adottata f' kazijiet konsimili, l-ammont likwidabbli ta' *lucrum cessans* huwa kalkolat fuq il-bazi ta' 22 sena x Lm50 x 52 x 25% ridotta b'ghoxrin fil-mija (20%) ghal-*lump sum payment*. Dan il-kalkolu jissarraf fis-somma ta' hdax-il elf erba' mija u erbghin lira Maltija (Lm11,440);

L-ammont totali allura dovut lill-attrici f' *damnum emergens* u *lucrum cessans* huwa ta' tnax-il elf wiehed u tmenin lira, u sittin centezmu (Lm12081.60,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-konvenuta Sandra Ryan u prevja wkoll ic-cahda tat-tieni eccezzjoni issib lill-konvenut Mark Julian Ryan responsabbli ghad-danni subiti mill-attrici fl-incident tal-5 ta' Gunju 1997 fejn giet aggredita u msawta;

Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' tnax-il elf, wiehed u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm12081.60,0);

Konsegwentement tilqa' ukoll it-tielet talba billi tikkundanna lill-imsemmi konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Mark Julian Ryan, salv fil-kaz ta' l-ewwel eccezzjoni li giet milqugha u li allura l-ispejjez relattivi ghaliha jitbatew mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------